**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Frar 2024**

**Rikors Guramentat numru : 94/2023 AGV**

**AN**

**Vs**

**Dr Yanika Bugeja u**

**PL Lindsay Galea**

**nominati bhala kuraturi deputati għall-assenti TYG b' digriet datat 31 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' NA , detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 0036073A,**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:**

1. Illi minn relazzjoni intima li kellhom bejniethom il-partijiet, twieldet tifla bl- isem ta' RT Y nhar it-tletin (30) ta' Jannar tal-elfejn u disgha (2009) (kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dok. 'A'** u kopja tal-permess ta' residenza qieghed jigi hawn anness u mmarkata bhala **Dok. 'B'**);

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat fix-xejn, u l-esponenti bdiet tiehu hsieb lill-minuri, b'involviment minimu, kwazi inezistenti, da parti tal-intimat;

3. Illi lejn l-ahhar tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-esponenti tilfet kull kuntatt minn mal-intimat u minkejja diversi tentattivi sabiex tistabbilixxi kuntatt lura

mieghu, anke b'relazzjoni ma' diversi decizjonijiet li jirrigwardjaw il-minuri, dawn it-tentattivi dejjem rrizultaw fin-negattiv u hija kienet eventwalment infurmata minn xi qraba tieghu illi dan kien hareg  b'mod permanenti barra mill-pajjiz;

4. Illi tenut kont illi l-intimat huwa l-missier tal-minuri, jekk kemm -il darba jkun hemm bzonn illi l-minuri tigi rikoverata f'xi sptar, centru tas-sahha, klinika privata jew fi kwalunkwe istituzzjoni tas-sahha  jew altrimenti jkun hemm bzonn illi jinhareg passaport gdid ghal minuri, jew tittiehed kwalunkwe decizjoni relatata mal-istess, tali azzjonijiet li normalment jirrikjedu l-kunsens jew xi forma ta' ezercizzju miz-zweg genituri flimkien, ser jirrendu tali kunsens impossibbli biex jigi ottjenut stante illi l-intimat ilhu nieqes mil-pajjiz sa mill- elfejn u sbatax (2017) u qata' kull kuntatt minn mal-esponenti;

5. Illi f'dan iz-zmien kollu, u cioe anke qabel ma l-intimat abbanduna l-pajjiz, kienet unikament l-esponenti li hadet hsieb il-bzonnijiet kollha ta' bintha u l- intimat qatt ma ha xi forma ta' inizjattiva sabiex b'xi mod jikkontribwixxi ghal htigijiet ta' bintu, izda ghal kuntrarju abbandunaha ghal kollox;

6. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma setghetx issehh proprju ghaliex l-intimat hu assenti u kien proprju ghalhekk li permezz ta' digriet datat tnejn u ghoxrin(22) ta' Marzu elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) l-esponenti giet debitament awtorizzata sabiex tintavola l-kawza odjerna (digriet hawn anness u mmarkat bhala **Dok. 'C' )**

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

**i)** Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri R T Y tigi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti;

**ii)** Tawtorizza lil esponenti sabiex tiehu id-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lil minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o menu ta' passaport tal-minuri, fost ohrajn, minghajr il-htiega u bzonn tal-firma u/jew il-kunsens tal-intimat TY G

**iii)** Tawtorizza konsegwentement lil esponenti sabiex titlob, tapplika u tottjeni wehidha kwalsijasi dokument mehtieg in konnessjoni mal-istess.

**U dan taht dawk il-provvedimenti l-ohra kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Risposta** tal-kuraturi deputati Dr. Yanika Marie Bugeja u l-PL Lindsay Galea;

Jesponu bir-rispett:-

1. Illi l-esponenti jiddikjaraw li huma inhatru kuraturti deputati sabiex jirraprezzentaw lill-assenti T  Y G  permezz taì Digriet datat 31 taì Mejju 2023 izda huma ma humiex edotti tal-fatti.
2. Illi l-esponenti jinnotaw li r-rikorrenti iddijaraw li hija ghamlet diversi tentattivi sabiex tistabbilixxi kuntatt u ghalhekk huma  jitolbu dettalji li hija ghandha fejn l-esponenti jistghu jaghmlu kuntatt mal-imsemmi kif ukoll kopja tal-korrespondenza li saret mir-rikorrenti.
3. Illi inoltre l-esponenti jitolbu li r-rikorrenti ghandha tiddikjara fliema pajjiz hija kienet infurmata li mar l-intimat minnhom asssistit
4. Illi l-esponenti jitolbu wkoll li jinghataw kopja tad-diversi decizjonijiet li r-rikorrenti taghmel referenza ghalihom fl-eccezzjoni numru 3 biex bì hekk dawn id-decizjonijiet li jirrigwardaw lil minuri jaghti stampa izjed cara.
5. Illum  l-esponenti qieghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-htiega.

Bl-ispejjez

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talba ghall-kura w kustodja ta' bint il-partijiet, RTY  li ghadha minorenni. L-omm u t-tifla jirresjedu flimkien hawn Malta, mentri l-missier jirresjedi f' pajjiz iehor mhux maghruf. Dan l-istat ta' fatt qed jaghmilha difficli ghall-Attrici sabiex tapplika wehidha ghall-bzonnijiet medici u edukattivi tat-tifla,

u ghalhekk kellha tistitwixxi dawn i-proceduri u titlob li l-kura w kustodja tal-minuri tigi regolata.

Illi b'digriet *pendente lite* moghti fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2023, il-Qorti kienet essenzjalment laqghet it-talbiet attrici sabiex il-minuri ma tigix prekluza milli tapplika ghall-ezamijiet tal-istat mal-iskola fejn tattendi. Mill-kumplament tal-provi, il-Qorti hi tal-fehma li dawn it-talbiet ghandhom jibqghu hekk konfermati. Huwa fl-interess tal-minuri illi l-omm jkollha l-liberta' li tkun tista' tiffirma wehidha kull applikazzjoni ghall-gid u ghall-bzonnijiet tat-tifla. Ladarba l-missier huwa allontanat minn Malta u hadd ma jaf fejn qieghed jirresjedi, ma jaghmel ebda sens li l-omm ma tkunx tista' tiehu hsieb l-interessi tal-minuri minghajr il-kunsens tal-missier, li huwa ghal kollox assenti mill-hajja taghhom. Ghahekk huwa necessarju ghall-benessere tat-tifla li t-talbiet attrici jintlaqghu.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri RTY tigi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti;

Tawtorizza lil esponenti sabiex tiehu id-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lil minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o menu ta' passaport tal-minuri, fost ohrajn, minghajr il-htiega u bzonn tal-firma u/jew il-kunsens tal-intimat TYG

Tawtorizza konsegwentement lil esponenti sabiex titlob, tapplika u tottjeni wehidha kwalsijasi dokument mehtieg in konnessjoni mal-istess.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attrici, izda huma rekuperabbli fl-intier taghhom mill-konvenut, hekk kif l-indirizz tieghu jigi determinat.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- DEP REG**